QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 9 TA' NOVEMBRU 2001

Avviz Nru 1754/98DM

Alan u Josette konjugi Borg bhala proprjetaru tad-ditta Power Point

vs

Articraft Creative Services Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jhalsu s-somma ta' hames mija u sitt Liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm506.10,0) oltre l-imghaxijiet legali dovuti, 'a scaletta' dovuti ghal xoghol ta' stampar mill-konvenuti ordnat u lilhom forbit, skond tgharif li intbghat lilhom f'sebgha invoices' datati respettivament 18.12.1997, 19.12.1997, 03.01.1998, 16.01.1998, 21.01.1998 02.02.1998, u 05.02.1998.

Bl-ispejjez gudizzjarji u ex tra – gudizzjarji kollha kontra l-konvenut li gie ngunt ghas- subizzjoni. Issir riferenza ghall-ittra AR registrata u certifikata nhar it-Tlieta, 24 ta' Marzu 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-Socjeta konvenuta fejn eccepiet:

1 Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attrici, stante illi x-xoghol ikkonsenjat mill-atturi ma kienx ta' kwalita pattwita, u nieqes minn kull sengha w arti, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-provi fil-kawza odjerna;

2 Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tas-7 ta' Mejju 1999 fejn gie nominat bhal expert tekniku lill Peter Bonello.

Rat ir-relazzjoni tal-expert tekniku Peter Bonello pprezentata fid-19 ta' Jannar 2001

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi billi l-konvenuti mhumiex qieghdin jikkontestaw illi effettivament l-atturi kienu ghamlu w ikkonsenjaw ix-xoghlijiet indikati fl-avviz izda qieghdin issostnu illi dan ix-xoghol maghmul mill-atturi ma kienx tal-kwalita pattwita u ma kienx skond l-arti w is-sengha, jispetta lill-istess konvenuti illi jipprovaw l-allegazzjoni taghhom.

Biex din l-allegazzjoni setghet tigi ezaminata l-Qorti kienet hatret bhala espert tekniku lil Peter Bonello illi pprezenta r-relazzjoni tieghu fid-19 ta' Jannar 2001. Minn din ir-relazzjoni jirrizulta illi s-socjeta konvenuta ma gabet ebda provi biex tiggustifika l-eccezzjonijiet taghha u biex tindika fejn u kif ghandu jirrizulta x-xoghol hazin u mhux pattwit.

Ghaldaqstant il-perit tekniku irrelata illi l-konvenuti ma waslux ghal prova minnhom rikjesta.

Ghaldaqstant u fin-nuqqas ta' kwalunkwe prova migjuba mill-konvenuti in sostenn tal-eccezzjonijiet taghhom issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u;

Il-Qorti qieghdha ghalhekk tilqa t-talba attrici tikkundannah lill-konvenuti jhallsu lill-atturi is-somma mitluba ta' Lm506.10 (hames mija u sitt liri Maltin u ghaxar centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz oltre l-imghaxijiet kummercjali b'effett mis-16 ta' Settembru 1998;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg Civ24